SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 70/K9/24**

Data tal-laqgħa: 20 ta' Ġunju 2024

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Clayton Luke Mula - Viċi Sindku
Sean Gauci – Kunsillier
Victor Vella – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (2)**

Il-Vici Sindku Clayton Luke Mula
Il-Kunsillier Martin Sultana

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Fenech – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Inqrat it-Talba

**70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

70.1.01 Il-Viċi-Sindku Clayton Luke Mula u l-Kunsillier Martin Sultana talbu li jiġu skużati għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

70.1.02 Il-Viċi-Sindku baghat ittra bir-ringrazzjamenti tieghu lill-Kunsill.

**70.2 Approvazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni tat-Tender ;**

70.2.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq l-evalwazzjoni tat-Tender tal-ħitan ta' Ta' Giorni.

70.2.02 L-Kumitat tal-Evelwazzjoni kien magħmul minn tlett kunsilliera. Kien hemm ħames bidders. Kien hemm isiru xi kjarifikazzjonijiet u dokumenti li ma ġewx ippreżentati. Kien hemm minnhom li ma weġbux għaldaqstant jiġu skwalifikati. Kien baqa l-aħħar bidder li kellu kollox tajjeb u kien l-irħas. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li dan jingħata lill-ARP. Il-Kunsill qabel unanimament.

70.2.03 L-Aġent Segretarju ġibed l-attenzjoni li peress li dawn il-fondi ġejjin mill-Awtorita' tad-djar li kienu ser ituna €150,000 għaldaqstant ser inkunu qed niktibu lill-Awtorita' tad-djar sabiex dawn il-fondi ma jintilfux u jintużaw f'postijiet oħra.

**70.3 Approvazzjoni tar-rapport Finanzjarju tal-ewwel, it-tieni u t-tielet kwart ta' 2023**

70.3.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ir-rapporti finanzjarji tal-ewwel, it-tieni u t-tielet kwart tas-sena 2023 u wara li ta spjegazzjoni talab l-approvazzjoni tagħhom.

70.3.02 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tal-imsemmija rapport.

70.3.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah

70.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**70.4 Approvazzjoni tal-budget 2024 ;**

70.4.01 Ġie mressaq għal-attenzjoni tal-Kunsill il-budget tas-sena 2024

70.4.02 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tiegħu.

70.4.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah.

70.4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**70.5 Talba ghal-kumpens fi Triq Birkirkara**

70.5.01 Tresqet quddiem il-Kunsill talba għal kumpens fuq ħsara li saret fuq vettura fi Triq Birkirkara. Il-Kunsill bagħat din l-ittra lill-Avukata tal-Kunsill fejn ngħatat l-informazzjoni min-naħa tagħha. Din inqrat waqt il-laqgħa.

70.5.02 Il-Kunsill qabel ma l-pariri li qed tagħti l-Avukata.

70.5.03 Talba sabiex issir banner ħdejn il-Love Monument. Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-permess.

**70.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

70.6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. sa (Ara Appendiċi 'A').

70.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**70.7 Skeda tal-Pagamenti**

70.7.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ippropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B').

70.7.02 Il-Kunsillier Sean Gauci ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

70.7.03 Iċ-Ċermen Guido Dalli ssekondah fl-approvazzjoni.

**70.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

70.8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju 2024 fil-laqgħa 6.00p.m.

70.8.02 Il-laqgħa ntemmet fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Malcolm Agius** |
| **Ċermen** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |

**Data: 20 ta' Ġunju 2024**